*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni parzjalment milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(2)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

## Rikors ippreżentat fit-30 ta' Mejju 2012 — Jyoti Ceramic Industries vs UASI — DeguDent (ZIECON)

**(Kawża T-239/12)**

(2012/C 209/22)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Jyoti Ceramic Industries PVT. Ltd (Nashik, l-Indja) (rappreżentanti: R. Egerer, D. Jochim u A. Kolb, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* DeguDent GmbH (Hanau-Wolfgang, il-Ġermanja)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-21 ta' Marzu 2012 fil-Każ Nru R 2546/2010-1;

— tordna li l-konvenut ibati l-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva "ZIECON" għal prodotti fil-klassijiet 5, 10 u 40 — Applikazzjoni Nru 8 272 271

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* DeguDent GmbH

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali "CERCON" għal prodotti fil-klassijiet 5, 9 u 10

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell milqugħ u applikazzjoni għal reġistrazzjoni miċħuda

*Motivi invokati:*

— ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009

— ksur tal-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009 flimkien mar-Regola 50(1) u r-Regola 19(1) u (3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni

---

## Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Mejju 2012 — Planet vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-59/12)** [1]

(2012/C 209/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Grieg*

Il-President tas-Seba' Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

[1] ĠU C 118, 21.04.2012.